



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 116/24

Il-Lussemburgu, 29 ta' Lulju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-119/23 | Valančius

Ħatra tal-imħallfin tal-Unjoni: Stat Membru jista' jipproponi, minn fost il-kandidati inklużi f'lista mfassla minn grupp nazzjonali ta' esperti indipendenti, kandidat differenti minn dak li jkun l-aħjar ikklassifikat f'din il-lista, sakemm il-kandidat propost jissodisfa r-rekwiżiti tat-Trattati

Il-Gvern ta' Stat Membru, li stabbilixxa grupp ta' esperti indipendenti sabiex jevalwa l-kandidati għall-funzjonijiet ta' Mħallf tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u sabiex jistabbilixxi lista ta' mertu tal-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' kapaċità professjonali previsti mit-Trattati ¹, jista' jipproponi, fost il-kandidati inklużi f'din il-lista, kandidat li ma jkunx il-kandidat ikklassifikat l-aħjar, sakemm il-kandidat propost jissodisfa l-imsemmija rekwiżiti.

Virgilijus Valančius inġar Imħallf tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-2016. Wara l-iskadenza tal-mandat tiegħu fl-2019, il-Gvern Litwan ippubblika sejħa għal kandidaturi u stabbilixxa proċedura għall-għażla ta' kandidat għal din il-pożizzjoni. Skont din il-proċedura, grupp ta' ħidma kompost fil-parti l-kbira minn esperti indipendenti stabbilixxa lista ta' mertu ta' kandidati, magħżula f'ordni dixxendenti skont il-punteġġ miksub. L-ewwel fil-lista ta' mertu kien V. Valančius. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2022, il-Gvern Litwan ippropona l-persuna li kienet tidher fit-tieni pożizzjoni fil-lista ta' mertu bħala kandidat għall-kariga ta' Mħallf fil-Qorti Ġenerali. Wara opinjoni sfavorevoli dwar dan il-kandidat mill-Kumitat 255 ², il-Gvern Litwan, permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' April 2023, ippropona lill-persuna li kienet tidher fit-tielet pożizzjoni fil-lista ta' mertu, jiġifieri Saulius Lukas Kalėda, bħala kandidat għal din il-pożizzjoni. Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2023, meħuda wara opinjoni favorevoli tal-Kumitat 255, il-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru lil A. Kalėda Mħallf tal-Qorti Ġenerali.

V. Valančius talab lill-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnius (il-Litwanja) tannulla ż-żewġ deċiżjonijiet ta' proposta tal-Gvern Litwan. Peress li kellha dubji dwar l-effett tad-dritt tal-Unjoni fuq il-proċeduri nazzjonali ta' proposta tal-kandidati għall-funzjonijiet ta' Mħallf tal-Qorti Ġenerali, din il-qorti għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **r-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati** jikkonkretizza l-valur fundamentali tal-istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE u **japplika kemm fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-imħallfin tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri**, għall-qrati nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan tiddeduċi li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali dwar il-ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandhom jippermettu li **jiġi eskluż kull dubju leġittimu**, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar il-fatt **li dawn l-imħallfin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' kapaċità professjonali** mitluba mill-Artikoli 19 TUE u 254 TFUE sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Mħallf tal-Qorti Ġenerali. Għal dan l-għan, huwa b'mod partikolari neċessarju li **tiġi ggarantita l-integrità tal-proċedura kollha ta' ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali** u, konsegwentement, tar-riżultat tagħha **f'kull wieħed mit-tliet stadji li minnhom hija komposta din il-proċedura**.

Fir-rigward, qabelxejn, tal-istadju nazzjonali ta' proposta ta' kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallf tal-Qorti Ġenerali,

il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fl-assenza, fid-dritt tal-Unjoni, ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għal dan l-għan, huwa kull Stat Membru li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' proposta ta' kandidat. Għalhekk, kull Stat Membru **jibqa' liberu li jipprevedi jew le proċedura** għall-finijiet ta' għażla u ta' proposta ta' kandidat. Madankollu, il-modalitajiet proċedurali ma għandhomx joħolqu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi dwar l-osservanza, mill-kandidat propost, tar-rekwiżiti previsti mit-Trattati. Il-fatt li rappreżentanti tas-setgħat leġiżlattivi jew eżekuttivi jintervjenu fil-proċess ta' ħatra tal-imħallfin ma huwiex fih innifsu ta' natura li jqajjem tali dubji leġittimi. **Il-parteeċipazzjoni ta' korpi konsultattivi indipendenti** kif ukoll **l-eżistenza, fid-dritt nazzjonali, ta' obbligu ta' motivazzjoni** jistgħu madankollu jikkontribwixxu għal oġġettività ikbar tal-proċess ta' ħatra. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet sostantivi għall-proposta ta' kandidati, **l-Istati Membri** għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jiddefinixxu dawn il-kundizzjonijiet. Madankollu, huma **għandhom jiżguraw**, irrispettivament mill-modalitajiet proċedurali magħżula għal dan l-għan, **li jiggarrantixxu li l-kandidati proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' kapaċità professjonali** previsti mit-Trattati.

Għalhekk, meta Stat Membru jkun stabbilixxa proċedura ta' għażla ta' kandidati għall-pożizzjoni ta' Mħallf tal-Qorti Ġenerali li fil-kuntest tagħha grupp ta' esperti indipendenti jiġi inkarigat li jistabbilixxi lista ta' mertu ta' dawk fosthom li jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti mit-Trattati u li jindika, bħala rakkomandazzjoni, l-iktar kandidat ikklassifikat, is-sempliċi fatt li l-Gvern ta' dan l-Istat Membru jiddeċiedi li jipproponi kandidat inkluż f'din il-lista li ma jkunx l-oġġla kklassifikat ma huwiex, fih innifsu, suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li din il-proposta tkun ta' natura li tqajjem dubji leġittimi fir-rigward tal-osservanza tal-imsemmija rekwiżiti mill-kandidat propost.

Fir-rigward, sussegwentement, tat-tieni stadju li l-proċedura ta' ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali hija komposta minnu, jiġifieri dik li tikkonċerna **l-intervent tal-Kumitat 255**, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, għall-finijiet tal-adozzjoni tal-opinjoni tiegħu, dan il-kumitat **għandu jivverifika li l-kandidat propost għall-pożizzjoni ta' Mħallf tal-Qorti Ġenerali jissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' kapaċità professjonali** previsti mit-Trattati. Għal dan il-għan, il-Kumitat jista' jitlob lill-gvern li jkun ippreżenta l-proposta ta' nomina jibagħtlu informazzjoni addizzjonali jew elementi oħra li jqis li jkunu neċessarji.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet stadju tal-proċedura ta' ħatra, li jikkorrispondi għad-**deċiżjoni ta' ħatra adottata mill-gvernijiet tal-Istati Membri**, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li **l-kompitu li tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jaqa' wkoll kollettivament fuq dawn il-gvernijiet**, meta jiddeċiedu, fid-dawl tal-opinjoni mogħtija mill-Kumitat 255, li jaħtru Mħallf fil-Qorti Ġenerali l-kandidat propost minn wieħed minn dawn il-gvernijiet. Fil-fatt, ladarba jinħatar, dan il-kandidat isir Imħallf tal-Unjoni u ma jirrappreżentax l-Istat Membru li jkun ipproponih.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE, "[l-]imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandhom jintgħażlu minn fost persuni li ma jkun hemm l-ebda dubbju dwar l-indipendenza tagħhom u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 253 u

254 [TFUE]. Huma għandhom jinħatru bi ftehim komuni bejn il-gvernijiet ta' l-Istati Membri għal sitt snin". It-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE jipprevedi li l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali "jintgħażlu minn fost persuni li ma jkunx hemm dubbju dwar l-indipendenza tagħhom u li jkollhom il-kapaċità li jeżerċitaw funzjonijiet għolja fil-ġudikatura".

² Skont l-Artikolu 255 TFUE, "[g]ħandu jġi stabbilit kumitat sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Imħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet [...]".